**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA))**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 27 ta' April, 2016

Rikors Nru : 116/16 AL

**A B**

**u**

**C B**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors kongunt illi gie ikkonfermat bil-gurament miz-zewg rikorrenti, li permezz tieghu ppremettew :

Illi huma zzewgu fit-22 ta' Mejju 2004 (Dok A certifikat taz-zwieg anness);

Illi minn dan iz-zwieg il-partijet kellhom zewgt itfal li ghadhom minorenni u li l-missier ir-rikorrenti A B dejjem hallas manteniment lill-istess tfal u ma hemm ebda arretrati ta' manteniment x'jithallsu;

Illi l-partijiet ilhom legalment separati b'kuntratt ta' separazzjoni hawn anness Dok B izda ilhom separati de facto minn Novembru 2011;

Illi m'hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom stante li minbarra li l-partijet ilhom separati ghal kwazi ghoxrin sena llum ghandhom hajja totalment separata minn xulxin u sahansitra ffurmaw rabtiet ma persuni ohrajn;

Illi l-manteniment a favur il-mara ma hemmx kif jirrizulta minn l-istess kuntratt;

Illi l-mara ser izomm kunjomha ta' mizzewga cioe' B;

Illi dawn l-fatti hawn fuq imsemmija jissudisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghal ksib tad-divorzju skont l-Art 66B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Talbu lil din il-Qorti sabiex :

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg li gie ccelebrat fit-22 ta' Mejju 2004;
2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fiz-zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet biex jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Rat id-dokumenti kollha li gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tat-3 ta Marzu, 2016;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielhom jissodisfaw ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ippruvaw illi ilhom legalment separati mill-14 ta' Marzu, 2013 u ilhom de facto separati minn Novembru 2011;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ippruvaw ukoll illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.